**KUNSILL LOKALI HAL LIJA**
TRIQ ROBERT MIFSUD BONNICI, LIJA
TEL. 21416111 FAX 21416941

**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBGĦA KUNSILL**

**SEDUTA NRU 6 – Il-ERBGĦA 10 TA' LULJU 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq Robert Mifsud Bonnici Ħal Lija fl-5:30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Dr Ian Castaldi Paris | Sindku |
| | Is-Sinjura Magda Magri Naudi | Viċi Sindku |
| | Dr Marc Sant | Minority Leader |
| | Is-Sinjorina Lorraine Farrugia | Kunsillier |
| | Is-Sinjorina Stephanie Cutajar | Kunsillier |

1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Inqraw il-Minuti tal-laqgħa nr 5 li saret nhar **Il-Erbgħa 19 ta'Ġunju 2013** fuq proposta tal-Kunsillier Lorraine Farrugia sekondata mill-Viċi Sindku Magda Magri Naudi, dawn ġew approvati unanimament.

2. ĦWEJJEG LI JIRRIZULTAW MILL-MINUTI

**2.1** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat dwar il-course tal-First Aid li ser isiru bejn it- 8 u 29 ta' Ottubru kif ukoll dawk tal- 5 u 26 ta' Novembru 2013.

**2.2** Il-Viċi Sindku Magda Magri Naudi nfurmat li l-*Arabian Night* ser tiġi organizzata nhar is-6 ta' Settembru 2013. Għalhekk kienet ser taddi nformazzjoni lil Jeanette biex tipprepara l-flyer.

**2.3** Il-Minority Leader Dr Marc Sant nforma dwar il-problema tad-dawl li teżisti fi Triq it-Trasfigurazzjoni kif ukoll fil-Pjazza tar-Raħal u t-Torri. L-Amminsitrazzjoni tal-Kunsill għandha tinforma lil George Saliba kif ukoll lil Pawlu Portelli biex jaraw x'hemm bżonn.

**2.4** Il-Minority Leader Dr Marc Sant talab is-site plan vojta tal-area tal-Boċċi biex ikun jista jużaha għal agreement li ser isir biex il-Klabb tal-boċċi jieħu ħsieb is-sit li hemm biswit il-Klabb.

**2.5** Il-Minority Leader Dr Marc Sant talab li għandha tintbgħat ittra mill-ammistrazzjoni lil klabbs tal-football, tennis u boċċi biex jinnominaw persuni għas-sotto kumitat.

**2.6** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia staqsiet dwar l-update tal-bozoz ta' Ħal Lija.

**2.7** Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li qed tistenna risposta min għand Ms Anna Camilleri dwar Villa Francia. Biex il-festa taċ-Ċitru tibda ssir hemm.

3. KOMUNIKAZZJONI TAS-SINDKU W KUNSILLIERI

**3.1** ***Ms Magda Magri Naudi***

**3.1.1** Nfurmat li l-Kunsill għandu jgib il-magna ta' l-H2O. Ilma li jkollu misħun u kiesaħ. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3.1.2** Nfurmat li l-Kunsill għandu jitkellem mal-University residence biex dawn jagħmlu trimming tas-sigar li jagħtu għal mat-triq.

***3.2 Dr Marc Sant***

***3.2.1*** Il-Minority Leader Dr Marc Sant li kien hemm request minn resident sabiex issir one-way. Dr Sant għamel kuntatt ma' Hugh Arnett sabiex jagħmel traffic management plan ta' dik l-area tar-raħal u meta jkun aġġudikat it-tender tal-Perit ser ikunu huma t-tnejn sabiex tinstab l-aħjar soluzzjoni għal din l-area. Il-Kunsill qabel dwar dan.

**3.2.2** Il-Minority Leader Dr Marc Sant nforma li f' Ħal Bordi il-parking għandu jinbidel għal wieħed vertikali biex jkunu jistgħu jipparkjaw aktar nies.

3.2.3 Il-Minority Leader Dr Marc Sant staqsa dwar il-pjan ta' ħidma. Is-Segretarja nfurmat li meta jitlesta l-proċess tat-tenders tkun tista tagħmel il-pjan taħ ħidma peress li dan kollu jorbot mal-kuntratti.

3.2.4 Il-Minority Leader Dr Marc Sant tkellem dwar il-Festival tac-Citru. Nforma li qed jistenna risposta dwar l-uzu ta' Villa Francia biex il-festival isir hemm. Dr Sant għamel kuntatti ma' nies minn Sqallija li jaħdmu xogħol ibbazat fuq ic-citru u enfasizza li jekk il-Kunsill jagħmlu ħsieb li jinġiebu għal waqt il-Festival hemm bzonn li x-xoghol fuq dan il-Festival jibda minnufih

### *3.3 Ms Stephanie Cutajar*

3.3.1 Il-Kunsillier Stephanie Cutajar nfurmat li dwar Nru 1, Triq il-Kunċizzjoni għandha bżonn isiru kaxxa ta' *no parking*. Dan minħabba li l-abbulanza li qed tiġi għar-resident qed ikollha karozzi jostakolaw l-entratura ta' din id-dar.

3.3.2 Il-Kunsillier Stephanie Cutajar nfurmat li l-applikazzjoni tal-Majjistral 313 ġiet sottomessa.

### 3.4 *Ms Lorraine Farrugia*

3.4.1 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li għandu jsir enforcement fuq il-ħrug taż-żibel qabel il-ħin.

3.4.2 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia staqsiet dwar in-numbering tal-kiosks tal-gabbani. IL-Kunsill qabel li dan għandu jsir.

3.4.3 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia ssugeriet li għandu jsir flyer biex in-nies ikun jafu d-delegi tal-Kunsillieri. Il-Kunsill qabel dwar dan.

3.4.4 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia semmiet punt dwar siggijiet li qed jinħargu wara l- knisja u joħolqu inkonvenjent lir-residenti. Għandu jsir enforcement u ma jitħallewx jagħqu djar tar-residenti .

3.4.5 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia nfurmat li għandu jsir xi ħaga fuq il-ħitan tas-sejjieħ fiz-zona ta' l-abbati. Is-Segretarja nfurmat li l-ħitan jappartjenu lil individwi. Infurmat ukoll li il-quddiem meta jkun hemm applikazzjoni tal-Majjistral ser issir applikazzjoni biex dawn jitrangaw.

3.4.6 Il-Kunsillier Lorraine Farrugia semmiet li l-molla tal-flats għandha tinxtara. Din kienet għadha ma sarietx minħabba li l-ħaddiema sabu problema biex imorru jixtruha. L-Amministrazzjoni ser tieħu ħsieb li din tinxtara.

## 4. KORRISPONDENZA

4.1 Il-Kunsill rċieva patt ta-Sindki minghand is-Sinjorina Maureen Azzopardi - Local Councils Association nhar il-25 ta' Gunju 2013. Din ġiet iffirmata mis-Sindku Dr Ian Castaldi Paris.

4.2 Is-Sinjura Joanna Spiteri Maempel għamlet talba biex il-Kunsill ma jagħtix permessi ta' mwejjed u siġġiejiet bla limitu. Minħabba li ċertu ħwienet ma kienux qed jirrispettaw lr-resident. Il-Kunsill qabel li għandu jsir kontrol.

**4.3** Kumment fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill fejn is-Sinjura Shirley Grech staqsiet jekk il-Kunsill ta' Ħal Lija hux ser jorganizza klassijiet ta' l-aerobics. Il-Kunsill qabel li amministrazzjoni għandha taħdem fuq proposta biex isiru dawn il-klassijiet lejn ix-xitwa.

**4.4** Il-Kunsill rċieva komunikazzjoni min għand il-MEPA dwar laqgħa ta'konsultazzjoni dwar il-Local Plan. Din il-Laqgħa ser issir nhar it-8 ta' Awwissu fid-9.30am. Il-Kunsilliera kollha ftehmu li ser jaddendu għal din il-laqgħa.

**4.5** Il-Kunsill rċieva kommunikazzjoni min għand l-għaqda tal-Festi Esterni u dawn għamlu talba għal għajnuna ta' €500.00. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jingħataw.

## 5. AMMINISTRAZZJONI

**5.1** Infurmat dwar sejħiet ta' Kwotazzjonijiet

**5.1.1** Punch clock

**5.1.2** Desk top tower għal Jeanette. Dan ser jinxtara min għand Klikk peress li hi l-aħjar offerta.

**5.2** Il-gardinar staqsa jekk il-kunsill jistax jixtri Chainsaw kif ukoll hedgecutter biex dan ikollu biex jaħdem. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jinxtraw.

**5.3** Dwar il-ġnien tal-Mirakli nfurmat li ser tibda taħdem fuq BOQ's biex ikun lest sa l-aħħart as-sena kif pjanat.

**5.4** Il-Kunsill qabel li wara l- festa għandu jsir rċeviment għal għaqdiet li kienu ta' għajnuna. Dan għandu jsir fejn il-pool tal-University Residence. Il-Kunsill qabel dwar dan.

## 6 APPROVAZZJONI TAL-LISTA TA' PAGAMENTI

6.1 Is-Segretarja ressqet lista ta' pagmenti għax-xahar ta' Ġunju/Lulju 2013.

## TMIEM

Fil-19.00pm intemmet is-Seduta w b'mod unanimu aġġornat għal nhar il-Erbgħa 24 ta' Lulju 2013.

| Dr Ian Castaldi Paris | Ms Gabriella Agius |
|---|---|
| Sindku | Agent Segretarju |